

RAPPORT ANNWALI TAL-EIOPA tal-2023

Sommarju



eiopa

European Insurance and
Occupational Pensions Authority

1. KELMTEJN TA' QABEL MILL-PRESIDENT

PETRA HIELKEMA

Bħala President, nieħu pjaċir ferm meta nirrifletti dwar il-kisbiet u l-isfidi tas-sena li għaddiet u nippreżenta dan ir-rekord tal-attivitajiet tal-EIOPA fl-2023.

F'din l-aħħar sena, l-inflazzjoni kellha impatt fuq il-livelli ta' kapital, il-profittabbiltà, u l-likwidità tal-assiguraturi, u konsegwentement affettwat lill-konsumaturi u l-għoli ġenerali tal-ħajja. L-EIOPA eżaminat il-konsegwenzi tal-inflazzjoni għolja u tar-rati tal-imgħax fuq is-settur tal-assigurazzjoni, filwaqt li vvalutat ukoll ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet futuri. Minkejja dawn l-isfidi, kemm is-settur tal-assigurazzjoni kif ukoll dak tal-pensjonijiet urew reżiljenza, u komplew jaqdu rwol vitali fl-ekonomija tal-Ewropa.

Filwaqt li l-inflazzjoni kienet konsiderazzjoni addizzjonali fil-ħidma tal-EIOPA, il-fokus baqa' fuq il-prijoritajiet stabbiliti fl-istrateġija tagħna.

Wieħed mill-punti fokali tagħna kien li nkejlu u nagħlqu d-diskrepanzi fil-protezzjoni fi ħdan is-settur tal-assigurazzjoni. Għamilna progress f'dan ir-rigward, bl-iżvilupp ta' għodod bħad-dashboards tal-katastrofi naturali u l-promozzjoni ta' miżuri ta' adattament relatati mal-klima fi Prattiki tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja.

Barra minn hekk, l-EIOPA kompliet tippromwovi inizjattivi ta' finanzjament sostenibbli, u ħadmet sabiex ir-riskji tas-sostenibbiltà jiġu integrati fil-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju ta' (ri)assiguraturi u Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali. Żviluppajna għodod superviżorji biex nidentifikaw, nimmonitorjaw u nindirizzaw b'mod attiv każijiet ta' greenwashing. F'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), esplorajna soluzzjonijiet biex nindirizzaw id-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni klimatika, filwaqt li enfasizzajna l-importanza ta' qafas regolatorju robust biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-settur. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) l-oħrajn aħna komplejna bil-ħidma tagħna fuq l-SFDR.

Id-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-assigurazzjoni kienet ukoll tema ċentrali ta' xogħolna. L-EIOPA mmonitorjat mill-qrib l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali, inklużi l-intelliġenza artifiċjali u l-assigurazzjoni miftuħa. Fl-2023, l-EIOPA flimkien mal-ASE ħadmet fuq id-diversi mandati ta' politika fl-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-IT tal-entitajiet finanzjarji. Barra minn hekk, l-EIOPA ħadmet fuq strateġija diġitali ġdida li tistabbilixxi kif se tappoġġa lill-konsumaturi, lis-swieq u lill-komunità superviżorja permezz tat-trasformazzjoni diġitali.

Fil-qasam tas-superviżjoni u s-sorveljanza, l-EIOPA kompliet trawwem kultura superviżorja komuni u prattiki konsistenti madwar l-Ewropa. Identifikajna prijoritajiet superviżorji ewlenin, inkluż il-mitigazzjoni tar-riskji għas-suq intern u s-superviżjoni tar-riskji emerġenti, biex nissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja. Fejn meħtieġ, l-EIOPA żiedet ukoll l-isforzi tagħha sabiex tillimita jew tipprevjeni detriment għad-detenturi ta' poloz.

Il-pensjonijiet okkupazzjonali kienu wkoll qasam ta' prijorità s-sena l-oħra. Il-parir tagħna dwar id-Direttiva IORPII għandu l-għan li jħaddan il-futur, filwaqt li jipproteġi l-legat. Dan iqis il-bidla kontinwa minn skemi ta' benefiċċju definit għal skemi ta' kontribuzzjoni definita, kif ukoll l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-importanza li għandna b'zonn nagħtu lid-diversità u lill-inklużjoni. Fl-istess ħin, il-parir tagħna għandu l-għan li jipproteġi l-legat, billi jindirizza suġġetti bħall-valutazzjoni tar-riskju u r-riskji ta' likwidità.

Bħal fis-snin preċedenti, l-EIOPA bbenefikat mill-kompetenza u l-input mill-Bord tas-Superviżuri u mill-Bord tat-Tmexxija. Kien pjaċir għalina wkoll li stajna nagħmlu konnessjoni ma' daqshekk ħafna mill-partijiet ikkonċernati tagħna, inklużi dawk fil-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Nirringrazzja lil kulħadd għad-djalogu u l-konsultazzjoni tagħna peress li huma element tant importanti tal-ħidma tagħna.

Il-ħtieġa għal djalogu u kooperazzjoni tajbin tgħodd ukoll għall-attivitajiet internazzjonali tal-EIOPA, kemm jekk fi djalogi superviżorji bilaterali, jew rigward il-ħidma tagħna fl-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni. F'dan ir-rigward, jiena kburiya li nenfasizza r-rwol tagħna bħala president tal-Forum tal-FinTech tal-IAIS, Viċi President tat-Task Force dwar id-Diskrepanza fil-Protezzjoni, kif ukoll il-kontribut tagħna għall-iżvilupp ta' standard globali, l-Istandard tal-Kapital tal-Assigurazzjoni (ICS), u l-qafas olistiku dwar ir-riskji sistemiċi. L-EIOPA kompliet ukoll issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Lvant u tal-Punent. F'dan il-kuntest, l-EIOPA ospitat il-“Konferenza dwar il-Kooperazzjoni tal-Lvant” tagħha, fejn aħna ssottolinjajna l-appoġġ tagħna għal ġurisdizzjonijiet fil-proċess ta' adattament jew implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-assigurazzjoni.

Nixtieq ukoll nirringrazzja b'mod sinċier lill-persunal kollu għax-xogħol iebes tagħhom matul is-sena. Sabiex twettaq il-mandat ambizzjuż tagħha, l-EIOPA teħtieġ persunal kapaċi u aġli, u jien ninsab kuntenta li komplejna l-isforzi tagħna biex inrawmu organizzazzjoni tax-xogħol varjata u inklużiva li tippermetti lill-membri kollha tal-persunal jisfruttaw il-potenzjal kollu tagħhom.

B'ħarsa 'l quddiem, l-elezzjonijiet Ewropej jindikaw il-bidu ta' ċiklu politiku ġdid. L-EIOPA tistenna bil-ħerqa li taħdem mal-Parlament Ewropew li jmiss u mal-Kummissjoni l-ġdida dwar il-prijoritajiet ewlenin tagħna, li jinkludu l-indirizzar tad-diskrepanzi fil-protezzjoni, it-tiħiħ tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni tal-UE u l-kwalità tad-*data*, u l-promozzjoni ulterjuri tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

Fl-aħħar nett, nafferma mill-ġdid id-dedikazzjoni tal-EIOPA li tipprovdi superviżjoni effettiva, u li tiżgura li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet ikomplu jservu l-interessi tad-detenturi tal-poloż, tal-benefiċjarji, tan-negozji u tal-ekonomija usa'.

2. KELMTEJN TA' QABEL MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

FAUSTO PARENTE

Għandi l-pjaċir nintroduċi r-rapport annwali tal-EIOPA tal-2023 li jħares lura lejn il-kisbiet tas-sena li għaddiet.

Is-sena 2023 kienet ikkaratterizzata għal darb' oħra minn inċertezza, rati tal-imgħax għoljin, inflazzjoni, u volatilità tas-suq. Minkejja dawn l-isfidi, l-EIOPA baqgħet impenjata li tiproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà, l-effettività u s-sostenibbiltà tas-sistema finanzjarja Ewropea.

L-EIOPA wettqet b'suċċess il-programm ta' ħidma tagħha għall-2023, u qabżet il-mira għall-maġġoranza tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Dan kien parzjalment dovut għall-allokazzjoni bir-reqqa u responsabbli tar-riżorsi li għamilna li ppermettietilna nindirizzaw prijoritajiet ġodda, bħall-impatt tal-inflazzjoni fuq is-settur u l-konsumaturi, kif ukoll ninkorporaw b'mod effiċjenti oqsma ġodda ta' ħidma, bħall-mandat tagħna li nwettqu b'suċċess l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA).

Il-baġit operatorju tal-EIOPA għall-2023 kien EUR 36.7 miljun. Il-persunal tagħna kompli jaħdem b'mod predominanti fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali u tat-twettiq tan-negozju u tal-konverġenza superviżorja. Filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali, din is-sena żidna b'mod sostanzjali l-allokazzjoni tal-persunal għal dan il-qasam meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Fil-kuntest ta' xogħol impenjattiv u kundizzjonijiet makroekonomiċi ta' sfida, l-EIOPA implimentat strateġiji biex tipprijoritizza u tissimplifika l-proċessi biex tikseb l-effiċjenza. Inizjattivi bħall-kondiviżjoni tal-kostijiet, it-titjib tal-proċessi, u l-investment fit-teknoloġija, ippermettewlna nżidu kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' xogħolna, u b'hekk qbiżna t-tkabbir tagħna fir-riżorsi. Biex inrawmu mod ta' ħidma aktar effiċjenti u aġli u biex nallinjaw aħjar l-istruttura organizzazzjonali interna tagħna mal-istrateġija tagħna, identifikajna bidliet strutturali li għandna l-għan li nimplimentaw fl-2024. Barra minn hekk, komplejna nieħdu passi biex intejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħna u nnaqqsu l-impatt fuq l-ambjent. Aħna kburin li l-isforzi tagħna ġew rikonnoxxuti mill-awtoritajiet ta' Hessen, li taw lill-EIOPA l-akkreditazzjoni formali tal-EMAS fi Frar 2023.

Barra minn hekk, l-EIOPA rrieżaminat l-istrateġija diġitali tagħha, li mhux biss tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet iżda tagħti wkoll is-setgħa lill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali (NCAs) u lill-EIOPA nnifisha. Din l-istrateġija komprensiva tirrifletti l-viżjoni u l-missjoni tal-EIOPA li tisfrutta s-setgħa tat-teknoloġija għall-benefiċċju tal-

partijiet ikkonċernati kollha, filwaqt li tippromwovi l-effiċjenza, it-trasparenza u r-reżiljenza fis-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet okkupazzjonali.

L-EIOPA tgawdi minn kollaborazzjoni mill-qrib mal-NCAs u trawwem relazzjonijiet tajbin mal-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tagħna. Matul is-sena, komplejna nfittxu l-input minn għażla wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex ninfurmaw il-ħidma tagħna, bħal permezz tal-gruppi ta' partijiet ikkonċernati tagħna, il-konsultazzjonijiet, l-istħarriġiet, inkluż stħarriġ tal-Ewrobarometru, żjarat u avvenimenti madwar l-UE kollha.

Filwaqt li kompliet bl-impenn tagħha għad-diversità u l-inklużjoni, l-EIOPA kompliet timplimenta l-Istrateġija tagħha għad-Diversità u l-Inklużjoni matul l-2023. B'konformità mal-Karta tan-Network tal-Aġenziji tal-UE dwar id-Diversità, l-istrateġija għandha l-għan li trawwem kultura ta' ħidma inklużiva li tapprezza u tiċċelebra d-differenzi, li tmexxi l-innovazzjoni u l-eċċellenza fi ħdan l-organizzazzjoni. Flimkien mal-approċċ flessibbli tagħna fir-rigward tax-xogħol ibridu, dan jagħmel lill-EIOPA impjegatur modern u attraenti.

Jien kburi wkoll li nenfasizza r-rwol tal-EIOPA bħala president tan-Network tal-Aġenziji tal-UE minn Marzu 2023 sa Frar 2024. Matul is-sena, wettaqna inizjattivi biex niffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-aġenziji u l-impriżi konġunti tal-UE u mexxejna l-isforzi kollettivi lejn għanijiet komuni. Flimkien, l-aġenziji tal-UE ħadmu biex jibnu Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u reżiljenti, filwaqt li indirizzaw il-bidliet istituzzjonali.

Nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-Bord Maniġerjali u lill-Bord tas-Superviżuri, u lill-kontropartijiet tiegħi fl-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra u fl-aġenziji tal-UE għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom matul is-sena. Ninsab ħerqan għall-kooperazzjoni mill-qrib u produttiva tagħna hekk kif inkomplu l-ħidma tagħna biex nibnu settur tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet aktar b'saħħtu fl-Ewropa. Fl-aħħar nett, qed nesprimi r-ringrazzjament sinċier tiegħi lill-membri kollha tal-persunal tal-EIOPA, li wrew dedikazzjoni u sforz eċċezzjonali fit-twettiq tal-ħidma tagħna u fl-indirizzar tal-isfidi addizzjonali li ffaċċajna.

3. INTRODUZZJONI

1.

L-Awtorit  Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) hija aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni Ewropea (UE), ibbażata fi Frankfurt am Main, il-Ġermanja. Il-missjoni ġenerali tagħha hija li tikkontribwixxi għall-istabbilt  u l-effettivit  fuq terminu qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja għall-benefiċċju tal-ekonomija, in-negozji u  - ittadini tal-Ewropa. Il-kompiti ewlenin tal-EIOPA huma li ttejjeb il-konverġenza superviżorja, issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u tippreserva l-istabbilt  finanzjarja. Il-kisba ta' dawn l-għanijiet tiddependi minn kooperazzjoni mill-qrib mal-NCAs, kif ukoll minn konsultazzjoni regolari mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u r-rappreżentanti tal-industrija. Dan jiżgura li l-ħidma tal-Awtorit  tissodisfa l-ħtieġa tal-persuni li sservi.

Skont l-għan ġenerali li tinbena UE sikura u sostenibbli għa - ittadini tagħha fi żminijiet ta' trasformazzjoni, l-oġġettivi strateġiċi tal-EIOPA għall-2023 kienu li:

Tiżgura protezzjoni b'saħħitha u konsistenti tal-interessi tal-konsumaturi madwar l-UE

Issaħħaħ ir-reżiljenza u s-sostenibbilt  tas-settur finanzjarju, sabiex b'hekk tissalvagwardja l-effettivit  tiegħu, il-kundizzjonijiet ekwi u l-inklużjoni finanzjarja

Il-prijoritajiet strateġiċi tal-Awtorit  għall-2023 kienu li:



Tikkontribwixxi għall-bini ta' assicurazzjoni u pensjonijiet sostenibbli, inkluż billi tindirizza d-diskrepanzi fil-protezzjoni, għall-benefiċċju ta - ittadini u n-negozji tal-UE



Tappoġġa lill-komunità superviżorja u lill-industrija biex jittaffew ir-riskji u jinħatfu l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni diġitali, inkluż permezz ta' promozzjoni ulterjuri ta' kultura xprunata mid-*data*



Tippromwovi superviżjoni prudenzjali u ta' kondotta b'saħħitha, effiċjenti u konsistenti fl-Ewropa kollha, b'mod partikolari fid-dawl ta' aktar negozji transfruntieri



Tipprovdi pariri ta' kwalità għolja u ħidma politika oħra filwaqt li tqis il-ħtiġijiet dejjem jinbidlu u dejjem jikbru tas-soċjetà kif ukoll l-effetti tar-regolament finanzjarju ġdid



Tkompli ttejjeb l-istabbiltà finanzjarja, b'fokus partikolari fuq l-analiżi tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet tas-settur finanzjarju, u t-theddid emerġenti

L-oqsma ta' azzjoni u l-prijoritajiet annwali tal-EIOPA jiġu stabbiliti permezz ta' proċess ta' ppjanar rigoruż. FI-2023, l-EIOPA żammet approċċ flessibbli u reattiv għall-ippjanar annwali u pluriennali tagħha, sabiex tkompli tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-EIOPA ħadmet u għadha taħdem fuq il-ġestjoni tar-riżorsi tagħha b'mod aġli biex tippermetti l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid u t-teħid ta' deċiżjonijiet mgħaġġel. Fi tmiem l-2023, l-Awtorità impjegat 193 persuna (ekwivalenti għal full-time). Il-baġit operatorju tagħha għall-2023 kien EUR 36,714,492.

4. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-assigurazzjoni u l-pensjonijiet huma fundamentali għall-benesseri tal-individwi, u jipprovdu protezzjoni kontra avvenimenti previsti u mhux previsti u sigurtà f'età akbar. Matul l-2023, l-EIOPA kompliet taqdi rwol essenzjali fis-superviżjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet fl-Ewropa, b'ħidma mill-qrib mal-NCAs, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-partijiet ikkonċernati l-oħra biex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tagħha.

F'kuntest ta' inċertezza ekonomika u ġeopolitika li rriżultat f'volatilità tas-suq, inflazzjoni għolja u tkabbir ekonomiku inċert, l-EIOPA ffokat fuq monitoraġġ mill-qrib tal-pożizzjoni tal-kapital u tal-likwidità tal-assiguraturi tal-UE u ta' IORPs, bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli, biex tiżgura r-reżiljenza tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet u tiproteġi lill-konsumaturi.

TIKKONTRIBWIXXI GĦALL-BINI TA' ASSIGURAZZJONI U PENSJONIJIET SOSTENIBBLI, INKLUŻ BILLI TINDIRIZZA D-DISKREPANZI FIL-PROTEZZJONI, GĦALL-BENEFIĊĊJU TAĊ-ĊITTADINI U N-NEGOZJI TAL-UE

Pubblikazzjonijiet ewlenin:

- *Progress Report on Greenwashing – Advice to European Commission (Rapport ta' Progress dwar il-Greenwashing — Pariri lill-Kummissjoni Ewropea)*¹
- *Dashboard on insurance protection gap for natural catastrophes (Dashboard dwar id-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni għall-katastrofi naturali)*²
- *Impact underwriting: Report on the Implementation of Climate-Related Adaptation Measures in Non-Life Underwriting Practices (Sottoskrizzjoni tal-impatt: Rapport dwar l-Implimentazzjoni ta' Miżuri ta' Adattament Relatati mal-Klima fi Prattiki ta' Sottoskrizzjoni Mhux tal-Ħajja)*³

¹ [EIOPA's Progress Report on Greenwashing - Advice to the European Commission \(europa.eu\)](#)

² [Dashboard on insurance protection gap for natural catastrophes \(europa.eu\)](#)

³ [Impact underwriting: Report on the Implementation of Climate-Related Adaptation Measures in Non-Life Underwriting Practices \(europa.eu\)](#)

- *Staff Paper on Policy options to reduce the climate insurance protection gap (Dokument tal-Persunal dwar l-għażliet ta' Politika biex titnaqqas id-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni tal-klima)*⁴
- *Consultation on Staff paper on measures to address demand-side aspects of the NatCat protection gap (Konsultazzjoni dwar id-Dokument tal-Persunal dwar miżuri biex jiġu indirizzati aspetti min-naħa tad-domanda tad-diskrepanza fil-protezzjoni ta' NatCat)*⁵
- *Final Report on draft Regulatory Technical Standards on the review of principal adverse impacts (PAI) and financial product disclosures in the SFDR Delegated Regulation (Rapport Finali dwar l-abbozz tal-Istandards Tekniċi Regulatorji fir-rigward tar-rieżami tal-impatti avversi prinċipali (PAI) u d-divulgazzjonijiet tal-prodotti finanzjarji fir-Regolament Deleгат tal-SFDR)*⁶

L-EIOPA kompliet il-ħidma tagħha biex tippromwovi l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju ta' (ri)assiguraturi u Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali.

FI-2023, l-EIOPA ffukat fuq l-iżvilupp ta' għodod superviżorji għall-identifikazzjoni, il-monitoraġġ, u l-indirizzar b'mod attiv ta' każijiet ta' greenwashing u ħadmet mal-BĊE dwar soluzzjonijiet possibbli biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni klimatika.

L-EIOPA kompliet tippromwovi l-interfaċċa li żviluppat biex tiffaċilita l-użu tal-app Climada tal-mudell ta' katastrofi b'sors miftuħ u kompliet il-ħidma tagħha mal-ASE l-oħra fir-rigward tar-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja (SFDR), li jirrikjedi li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jiddivulgaw l-impatti u l-asserzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) tagħhom.

TAPPOĠĠA LILL-KOMUNITÀ SUPERVIŻORJA U LILL-INDUSTRIJA BIEX JITTAFFEW IR-RISKJI U JINĦATFU L-OPPORTUNITAJIET TAT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI, INKLUŻ PERMEZZ TA' PROMOZZJONI ULTERJURI TA' KULTURA XPRUNATA MID-DATA

Pubblikazzjonijiet ewlenin:

- *Joint ESAs response to the Call for advice specifying further criteria for critical ICT third-party service*

⁴ [Staff Paper on Policy options to reduce the climate insurance protection gap \(europa.eu\)](#)

⁵ [Consultation on Staff paper on measures to address demand-side aspects of the NatCat protection gap \(europa.eu\)](#)

⁶ [Final Report on draft Regulatory Technical Standards on the review of PAI and financial product disclosures in the SFDR Delegated Regulation](#)

- *providers and determining oversight fees (Rispons konġunt tal-ASE għal fornituri tas-Sejħha għal parir li jispeċifika kriterji ulterjuri għall-fornituri ta' servizz kritiku ta' ICT lil partijiet terzi u d-determinazzjoni tat-tariffi ta' sorveljanza*⁷
- *Supervisory statement on differential pricing practices in non-life insurance lines of business (Dikjarazzjoni superviżorja dwar prattiki ta' pprezzar differenzjali f'linji ta' negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja)*⁸
- *EIOPA's Digital Strategy (L-Istrateġija Diġitali tal-EIOPA)*⁹
- *EIOPA Open Insurance use case - Insurance Dashboard (Każ ta' użu tal-Assigurazzjoni Miftuħa tal-EIOPA — Dashboard tal-Assigurazzjoni)*¹⁰
- *Methodological principles of insurance stress testing - cyber component (Prinċipji metodoloġiċi tal-ittestjar tal-istress tal-assigurazzjoni - komponent ċibernetiku)*¹¹
- *Joint ESAs Report: Update on the functioning of innovation facilitators – innovation hubs and regulatory sandboxes" under EFIF (Rapport Konġunt tal-ASE: Aġġornament dwar il-funzjonament tal-faċilitaturi tal-innovazzjoni – ċentri tal-innovazzjoni u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja" skont l-EFIF) 12*

L-EIOPA baqgħet vigilantanti fil-monitoraġġ tal-adozzjoni dejjem akbar tat-teknoloġija diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali u l-assigurazzjoni miftuħa, biex tibqa' aġġornata mal-aħħar żviluppi tas-suq. Dan kien jinvolvi li jiġi identifikat l-aħjar approċċ għas-salvagwardja tal-konsumaturi filwaqt li titrawwem l-innovazzjoni u jiġu appoġġati s-superviżuri nazzjonali.

FI-2023, l-EIOPA ħadmet b'mod konġunt flimkien mal-ASE l-oħra fuq l-iżvilupp tad-diversi mandati ta' politika preskritti minn DORA. Barra minn hekk, l-EIOPA ħadmet fuq strateġija diġitali olistika ġdida li għandha l-għan li tiċċara kif se tappoġġa lill-konsumaturi, lis-swieq u lill-komunità superviżorja permezz tat-trasformazzjoni diġitali.

L-EIOPA nediet Stħarriġ dwar il-Monitoraġġ tas-Suq tad-Diġitalizzazzjoni, għodda biex wieħed iżomm ruħu aġġornat mal-innovazzjonijiet u x-xejriet tad-diġitalizzazzjoni fl-assigurazzjoni, nediet stħarriġ dwar l-aċċess għall-assigurazzjoni ċibernetika mill-Intrapriżi Żgħira u Medji (SMEs), implimentat proġetti ta' Suptech u inkorporat Prinċipji Metodoloġiċi dwar l-Ittestjar tal-Istress tal-Assigurazzjoni, li speċifikament għandu fil-mira r-riskju ċibernetiku.

⁷ [2023 Joint ESAs report on the extent of voluntary disclosure of principal adverse impacts under SFDR](#)

⁸ [Supervisory statement on differential pricing practices in non-life insurance lines of business](#)

⁹ [EIOPA's Digital Strategy](#)

¹⁰ [EIOPA Open Insurance use case - Insurance Dashboard.pdf \(europa.eu\)](#)

¹¹ [Methodological principles of insurance stress testing - cyber component](#)

¹² [Joint ESAs Report on Innovation Facilitators: innovation hubs and regulatory sandboxes](#)

F'kollaborazzjoni mad-DĠ REFORM tal-Kummissjoni Ewropea u l-ASE l-oħra, l-EIOPA kompliet il-ħidma tagħha dwar l-“Akkademja Finanzjarja Diġitali Superviżorja tal-UE (EU SDFA) u appoġġat il-ħidma tal-Forum Ewropew għall-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (EFIF).

TIPPROMWOVI SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI U TA' KONDOTTA B'SAĦĦITHA, EFFIĊJENTI U KONSISTENTI FL-EWROPA KOLLHA, B'MOD PARTIKOLARI FID-DAWL TA' AKTAR NEGOZJI TRANSFRUNTIERI

Pubblikazzjonijiet ewlenin sabiex kontinwament jiġu promossi l-kwalità u l-effettività tas-superviżjoni:

- *Consumer Trends Report 2022 (Rapport dwar ix-Xejriet tal-Konsumaturi tal-2022)*
- *Costs and past performance report 2023 (Rapport dwar il-kostijiet u l-prestazzjoni tal-passat tal-2023)¹³*
- *Consultation on the Methodology on Value for Money Benchmarks (Konsultazzjoni dwar il-Metodoloġija dwar il-Valur għall-Parametri Referenzjarji tal-Flus)¹⁴*

Pubblikazzjonijiet rigward il-monitoraġġ tal-konverġenza superviżorja:

- *Report on EIOPA Supervisory Activities in 2022 (Rapport dwar l-Attivitajiet Superviżorji tal-EIOPA fl-2022)¹⁵*
- *Supervisory Convergence Plan for 2023 (Pjan ta' Konverġenza Superviżorja għall-2023)¹⁶*
- *Supervisory Statement on the use of governance arrangements in third countries (Dikjarazzjoni Superviżorja dwar l-użu ta' arranġamenti ta' governanza f'pajjiżi terzi)¹⁷*
- *Joint ESAs-ECB Statement on disclosure on climate change for structured finance products (Dikjarazzjoni konġunta bejn l-ASE u l-BĊE dwar id-divulgazzjoni fir-rigward tat-tibdil fil-klima għall-prodotti finanzjarji strutturati)¹⁸*

¹³ [Costs and past performance report 2023](#) [il-perjodu ta' kopertura jibda mill-2017 sal-aħħar tas-sena 2021 għall-prestazzjoni tal-passat u l-2021 għall-kostijiet]

¹⁴ [Consultation on the Methodology on Value for Money Benchmarks](#)

¹⁵ [Report on EIOPA Supervisory Activities in 2022](#)

¹⁶ [Supervisory Convergence Plan for 2023](#)

¹⁷ [Supervisory Statement on the use of governance arrangements in third countries](#)

¹⁸ [Joint ESAs-ECB Statement on disclosure on climate change for structured finance products](#)

- *YE2021 Comparative Study on Market and Credit Risk Modelling (Studju Komparattiv dwar is-Suq u l-Immudellar tar-Riskju ta' Kreditu tas-SENA 2021)*¹⁹
- *EIOPA analyses internal models for non-life underwriting risk (L-EIOPA tanalizza mudelli interni għar-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja)*²⁰
- *Consultation on Supervisory Statement on supervision of reinsurance concluded with third country insurance and reinsurance undertakings (Konsultazzjoni dwar Dikjarazzjoni Superviżorja fir-rigward tas-superviżjoni ta' riassigurazzjoni konkluża ma' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi)*²¹
- *Consultation on the supervision of captive (re)insurance undertakings (Konsultazzjoni dwar is-superviżjoni ta' imprizi ta' (ri)assigurazzjoni captive)*²²
- *Plan for reporting taxonomy releases (Pjan għar-rapportar tar-rilaxxi tat-tassonomija)*²³

L-EIOPA kompliet tippromwovi kultura superviżorja komuni u prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Ewropa, billi stabbilixxiet bħala prijoritajiet superviżorji (i) l-implimentazzjoni prattika tal-karatteristiċi ewlenin tal-kultura superviżorja komuni u l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod superviżorji; (ii) ir-riskji għas-suq intern u għall-kundizzjonijiet ekwi li jistgħu jwasslu għal arbitraġġ superviżorju, u (iii) is-superviżjoni tar-riskji emerġenti.

L-EIOPA kompliet tipparteċipa b'mod attiv fi pjattaformi u kulleġġi ta' kooperazzjoni transfruntiera, u wettqet żjarat fil-pajjiżi u ppubblikat 7 rapporti dwar is-superviżjoni, rieżami bejn il-pari, u studji komparattivi.

Fl-2023, l-EIOPA użat għadd ta' setgħat u għodod għad-dispożizzjoni tagħha li kienu jinkludu dikjarazzjonijiet superviżorji, opinjonijiet kif ukoll rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 17. Barra minn hekk, twettqet investigazzjoni skont l-Artikolu 22 dwar is-superviżjoni ta' gruppi fi Stat Membru speċifiku ffukata fuq strutturi ta' gruppi ma' kumpaniji azzjonarji prinċipali li huma s-sidien ta' impriżi tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, l-EIOPA appoġġat lill-NCAs bi 3 proġetti ta' assistenza teknika fir-rigward tal-proċessi ta' applikazzjoni tal-mudell intern u lil NCA bi proġett iddedikat għat-twettiq ta' superviżjoni.

¹⁹ [YE2021 Comparative Study on Market and Credit Risk Modelling](#)

²⁰ [EIOPA analyses internal models for non-life underwriting risk](#)

²¹ [Consultation on Supervisory Statement on supervision of reinsurance concluded with third country insurance and reinsurance undertakings](#)

²² [Consultation on the supervision of captive \(re\)insurance undertakings](#)

²³ [Plan for reporting taxonomy releases \(europa.eu\)](#)

Matul l-2023, l-EIOPA kompliet tikkalkula u tippublika informazzjoni ewlenija fundamentali għall-applikazzjoni effettiva ta' Solvenza II u IORP II u kompliet bil-programm BI 2.0, li jidderieġi t-trasformazzjoni tal-EIOPA f'organizzazzjoni diġitali, iffokata fuq l-utenti u xprunata mid-*data*.

Fir-rigward tal-imġiba tan-negozju, l-EIOPA kompliet timplimenta l-qafas preventiv u bbażat fuq ir-riskju komprensiv tagħha għas-superviżjoni tal-imġiba tan-negozju, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar li l-prodotti jkunu mfassla b'mod li jiffoka fuq il-klijent u jikkontribwixxu għas-saħħa finanzjarja globali tal-konsumaturi, b'attenzjoni partikolari għall-konsumaturi vulnerabbli.

Fl-aħħar nett, l-EIOPA pprovdiet ukoll appoġġ addizzjonali u mmirat lill-NCAs permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) tad-DĠ REFORM.

TIPPROVDI PARIRI TA' KWALITÀ GĦOLJA U ĦIDMA POLITIKA OĦRA LI TQIS IL-ĦTIĠIJET DEJJEM JINBIDLU U DEJJEM JIKBRU TAS-SOĊJETÀ KIF UKOLL L-EFFETTI TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU ĠDID

Pubblikazzjonijiet ewlenin dwar l-IORP II:

- *Consultation on the technical advice for the review of the IORP II Directive (Konsultazzjoni dwar il-parir tekniku għar-rieżami tad-Direttiva IORP II)*²⁴

Pubblikazzjonijiet ewlenin dwar l-IDD:

- *Draft Regulatory Technical Standards (RTS) (Abbozz ta' Standards Tekniċi Regulatorji (RTS))*²⁵
- *Second report on the application of the IDD (It-tieni rapport dwar l-applikazzjoni tal-IDD)*²⁶
- *Fourth annual sanctions report (Ir-raba' rapport annwali dwar is-sanzjonijiet)*²⁷

Fl-2023, l-EIOPA ppreżentat parir tekniku lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami tad-Direttiva IORP II, li jkopri l-adeqwatezza prudenzjali u tal-governanza, l-attività transfruntiera, il-funzjonalità tad-Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-Pensjonijiet, l-adattament għall-bidla minn skemi ta' benefiċċju

²⁴ [Consultation on the technical advice for the review of the IORP II Directive](#)

²⁵ https://www.eiopa.europa.eu/eiopa-publishes-changes-minimum-amount-professional-indemnity-insurance-cover-and-financial-capacity-2023-07-03_en

²⁶ https://www.eiopa.europa.eu/publications/second-idd-application-report-20222023_en

²⁷ [EIOPA publishes annual report on sanctions under the Insurance Distribution Directive in 2022](#)

definit għal skemi ta' kontribuzzjoni definita, aspetti ta' sostenibbiltà, u rekwiżiti prudenzjali relatati mad-diversità u l-inklużjoni.

Fir-rigward tal-politika dwar l-imġiba tan-negozju, l-EIOPA kompliet taħdem fuq id-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (IDD) u mmonitorjat il-proċess leġiżlattiv tal-Istrateġija ta' Investiment għall-Konsumatur u pprovdiet input.

L-EIOPA kompliet taqdi rwol importanti internazzjonalment fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS), u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' standard globali, l-Istandard Kapitali tal-Assigurazzjoni (ICS), u l-qafas olistiku dwar ir-riskji sistemiċi kif ukoll issawwar relazzjonijiet mill-qrib mas-superviżuri ta' pajjiżi terzi.

TKOMPLI TTEJEB L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA, B'FOKUS PARTIKOLARI FUQ L-ANALIŻI TAR-RISKJI U L-VULNERABBILTAJET TAS-SETTUR FINANZJARJU, U T-THEDDID EMERĠENTI

Pubblikazzjonijiet ewlenin:

- *Insurance risk dashboards (Dashboards tar-riskji tal-assigurazzjoni)*²⁸
- *Financial Stability Reports (Rapporti dwar l-Istabbiltà Finanzjarja)*²⁹
- *Impact of inflation on the insurance sector (L-impatt tal-inflazzjoni fuq is-settur tal-assigurazzjoni)*³⁰
- *Financial Stability Report December 2023 (Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja ta' Diċembru 2023)*³¹
- *Factsheet on EEA IORPs' investments (Skeda informattiva dwar l-investimenti tal-IORPs fiż-ŻEE)*³²
- *Factsheet on EEA IORPs' investments at the end of Q4 2022 (Skeda informattiva dwar l-investimenti tal-IORPs fiż-ŻEE fl-aħħar ta' Q4 2022)*³³

²⁸ <https://www.eiopa.europa.eu/system/files/2023-11/November%202023%20Risk%20Dashboard%20-%20updated.pdf>

²⁹ <https://www.eiopa.europa.eu/system/files/2023-06/EIOPA-BOS-23-209-EIOPA%20Financial%20Stability%20Report%20June%202023.pdf>

³⁰ [Impact of inflation on the insurance sector \(europa.eu\)](https://www.europa.eu/impact-of-inflation-on-the-insurance-sector)

³¹ [Financial Stability Report December 2023](https://www.europa.eu/financial-stability-report-december-2023)

³² [Factsheet on EEA IORPs' investments](https://www.europa.eu/factsheet-on-eea-iors-investments)

³³ [Factsheet on EEA IORPs' investments at the end of Q4 2022](https://www.europa.eu/factsheet-on-eea-iors-investments-at-the-end-of-q4-2022)

- *Paper on methodological principles of insurance stress testing of cyber risks (Dokument dwar il-prinċipji metodoloġiċi tal-ittestjar tal-istress tal-assigurazzjoni tar-riskji ċibernetiċi)*³⁴

L-EIOPA kompliet timmonitorja u tivvaluta r-riskji u l-vulnerabbiltajiet biex tissalvagwardja l-istabbiltà tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol. FI-2023, din iffokat fuq l-impatt tal-inflazzjoni fuq is-swieq u l-konsumaturi, il-konsegwenzi possibbli ppreżentati mir-riskji relatati man-natura u fuq ir-riskji potenzjali taż-żieda fid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari fil-forma ta' attacchi ċibernetiċi. F'konformità mal-iżviluppi li għaddejjin, l-EIOPA analizzat il-vulnerabbiltà tal-portafolli tal-assiguraturi għar-riskju tar-rata tal-kambju u għat-tnaqqis fid-dejn tas-setturi sensitivi għall-pandemija u għall-enerġija.

L-Awtorità kompliet ukoll tippubblika statistika ta' kwalità għolja dwar is-swieq ta' assicurazzjoni u IORP, u għażlet skedi informattivi biex tagħmel l-informazzjoni aktar aċċessibbli.

L-EIOPA tejbet il-qafas metodoloġiku tagħha tat-test tal-istress kontroġerarkiku u wettqet ħidma estensiva dwar l-immudellar minn fuq għal isfel.

L-EIOPA kompliet tiżviluppa aktar il-proċess u l-proċeduri ta' kriżi tagħha biex tadattahom għall-aħħar żviluppi u bdiet tfassal eżerċizzju ta' kriżi. FI-2023, l-EIOPA kompliet it-tnejja u l-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Assigurazzjoni (IRR), li tagħti lill-Awtorità rwoli u responsabbiltajiet ġodda importanti, inkluż l-iżvilupp ta' standards u linji gwida tekniċi u kompiti aktar permanenti oħra, bħall-istabbiliment ta' kumitat ta' riżoluzzjoni jew il-parteċipazzjoni f'kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

³⁴ [EIOPA publishes paper on methodological principles of insurance stress testing of cyber risks](#)

EIOPA

Westhafen Tower, Westhafenplatz 1

60327 Frankfurt – Germany

Tel. + 49 69-951119-20

info@eiopa.europa.eu

<https://www.eiopa.europa.eu>